A.L. 114 ta' l-1993

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1993 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1993 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 6). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-3 ta' Awissu, 1993. Jum stabbilit.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

(1) Blokk ta' tmien flats magħrufa bħala Blokk L, Qasam tad-Djar tal-Gvern Taċ-Ċawla, Victoria, Għawdex.

Il-flats imsemmija huma aċċessibbli minn bieb intern enumerat minn 1 sa 8 b'entratura komuni magħrufa bħala Blokk L.

Il-blokk kollu huwa konfinat mit-Tramuntana, Nofsinhar u Lvant b'passaġġ pubbliku, u nbena fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tagħmel parti minn Tenement Nos. 80039 u 80040, u li tinsab delineata bl-aħdar fuq L.D. 203/85/5.

(2) Id-dar bin-numru 96, Triq Ġużè Ellul Mercer, Dingli (Tenement No. 68557).

(3) Flat numru 11, Bini tal-Gvern, Triq il-Karmnu, Fgura (Tenement No. 68038).

(4) Flat numru 16, Blokk 3, Bieb B, Triq tal-Mitħna, Gudja (Tenement No. 72872).

(5) Flat numru 1, Blokk F-5, Bieb B, Triq il-Kultellazz, Ta' Mliet, Mosta (Tenement No. 71510).

(6) Id-dar bin-numru 19, Triq Pawlu Cassar, Għaxaq (Tenement No. 69988).

(7) Flat numru 4, Blokk C, Sezzjoni Nru. 1, Qasam Ħal Dmikki, Għaxaq (Tenement No. 69474).

(8) Flat numru 13, Blokk C, Sezzjoni Nru. 2, Qasam Ħal Dmikki, Għaxaq (Tenement No. 69483).

(9) Flat numru 6, Blokk X4, Triq ir-Rebbiegħa, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Farżina, Qormi (Tenement No. 74048).

(10) Maisonette bin-numru 1, Blokk 1, Triq Għeriexem, Rabat, Malta (Tenement No. 63824).

(11) Flat numru 2, Blokk F, Triq Jean Houel, Ta' Ġiorni, Qasam tad-Djar tal-Gvern Area 19, San Ġiljan (Tenement No. 69009).

(12) Dar bin-numru 35, St Barbara Bastion, Valletta.

(13) Flat numru 5, Blokk 1, Binja San Martin, Żejtun.

(14) Flat numru 4, Blokk A, Qasam Ħal Tmiem, Żejtun (Tenement No. 74185).